MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru 816/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Robert Vella**
**vs**
**Jacqueline Pace**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Jacqueline Pace ta' 18-il sena bint Vincent u Josephine nee' Pisani mwielda Pieta fit-12 ta' Ottubru 1987 u residenti 45 Flat 4 Joannes, Triq is-Soll, St Venera, ID 457687M.**

**Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Gunju 2006 ghall-habta ta' 05.00am ddenunzjat lill-pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma kienx sar u holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputata sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat, liema ammissjoni hija kkonfermat wara li nghatat hin xieraq biex tahsibha. Ghal daqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi. Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 110 tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghha izda flok tikkundannaha qed tilliberaha, l-ewwel nett minhabba l-ammissjoni bikrija taghha, it-tieni minhabba l-fedina penali netta taghha u t-tielet ukoll ghaliex ma kienx hemm konsegwenzi serji.**

Ghal daqstant qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien sitt xhur millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------